



Brussell, 4 ta' Lulju 2025  
(OR. en)

11249/25

---

Fajl Interistituzzjonal:  
2025/0193 (NLE)

---

PROBA 26  
AGRI 323  
WTO 62

### **NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn: Is-Segretarju Ĝeneralji tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur

data meta waslet: 3 ta' Lulju 2025

lil: Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ĝeneralji tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

---

Nru dok. Cion: COM(2025) 358 final

Suġġett: Proposta għal  
DEĊIJONI TAL-KUNSILL  
dwar l-approvazzjoni tal-Unjoni tal-emenda tal-Artikolu 36 tal-Ftehim Internazzjonali dwar iż-żejt taż-Żebbuġa u ż-Żebbuġ tal-Mejda, 2015

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 358 final.

---

Mehmuż: COM(2025) 358 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 3.7.2025  
COM(2025) 358 final

2025/0193 (NLE)

Proposta għal

### **DEĊIJONI TAL-KUNSILL**

**dwar l-approvazzjoni tal-Unjoni tal-emenda tal-Artikolu 36 tal-Ftehim Internazzjonali  
dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa u ż-Żebbuġ tal-Mejda, 2015**

**MT**

**MT**

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA**

L-objettiv ta' din id-Deċiżjoni tal-Kunsill huwa li tapprova l-emendi tal-Artikolu 36 tal-Ftehim Internazzjonal dwar iż-Żejt taż-Żebbuġ u ż-Żebbuġ tal-Mejda u taħtar il-persuna/i bis-setgħa li tiddepożita/jiddepożitaw, f'isem l-Unjoni, in-notifika tal-aċċettazzjoni tal-emenda fil-post magħżul.

### **2. KUNTEST TAL-PROPOSTA**

#### **2.1. Il-Ftehim Internazzjonal dwar iż-Żejt taż-Żebbuġ u ż-Żebbuġ tal-Mejda, 2015**

L-Unjoni hija Parti għall-Ftehim Internazzjonal dwar iż-Żejt taż-Żebbuġ u ż-Żebbuġ tal-Mejda<sup>1</sup> tal-2015 (“il-Ftehim”) u Membru tal-Kunsill Internazzjonal taż-Żebbuġ (“IOC”, International Olive Council). Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 2017 u għandu jibqa’ fis-seħħ sal-31 ta’ Diċembru 2026.

#### **2.2. Il-Kunsill tal-Membri**

Il-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonal taż-Żebbuġ (“il-Kunsill tal-Membri”) huwa l-ogħla awtorità u korp tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-IOC u għandu jeżerċita s-setgħat kollha u jwettaq il-funzjonijiet kollha li huma meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi ta’ dan il-Ftehim. Bħala Parti għall-Ftehim, l-Unjoni Ewropea hija membru tal-IOC u hija rappreżentata fil-Kunsill tal-Membri. Skont l-Artikolu 32 tal-Ftehim tal-IOC, il-Kunsill tal-Membri jista’ jieħu deċiżjonijiet li jemendaw il-Ftehim tal-IOC. F’konformità mal-Artikolu 10(3) tal-Ftehim tal-IOC, id-deċiżjonijiet tal-Kunsill tal-Membri dwar emendi possibbi tal-Ftehim għandhom jittieħdu b’kunsens.

#### **2.3. L-emendi tal-Ftehim**

Matul il-119-il laqqha tal-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonal taż-Żebbuġ fil-25 ta’ Ġunju 2024, il-Kunsill Internazzjonal taż-Żebbuġ (“IOC”) adotta b’kunsens l-emenda tal-Artikolu 36 tal-Ftehim sabiex jippermetti l-estensjoni tal-Ftehim għal perjodi ta’ 5 snin. Il-pożizzjoni tal-Unjoni fir-rigward tal-emenda tal-Artikolu 36 tal-Ftehim għiet stabbilita f’konsultazzjoni mal-Grupp ta’ Ħidma dwar Prodotti Bażiċi (PROBA).

### **3. BAŻI LEGALI**

F’konformità mal-Artikoli 207(4) u 218(6), il-punt (a)(v) tat-TFUE, jenħtieġ li l-Kummissjoni, bħala n-negozjatur tal-emendi tal-Ftehim, tagħmel proposta lill-Kunsill biex japprova, wara li jkollu l-kunsens tal-Parlament Ewropew, l-emendi tal-Ftehim.

### **4. ELEMENTI OĦRA**

F’konformità mal-Artikolu 32(3) tal-Ftehim, kull Membru għandu jinnotifika lid-depożitarju dwar l-aċċettazzjoni tiegħu tal-emenda fiż-żmien stabbilit mill-IOC. Billi jsegwu l-iskeda ta’ żmien kif miftiehem mill-IOC, il-Membri għandhom jipprovdu notifika depożitarja dwar l-

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1892 tal-10 ta’ Ottubru 2016 dwar l-iffirmar, f’isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Internazzjonal dwar iż-Żejt taż-Żebbuġ u ż-Żebbuġ tal-Mejda, 2015 (ĠU L 293, 28.10.2016, p. 2) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/848 tas-17 ta’ Mejju 2019 dwar il-konklużjoni f’isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim Internazzjonal dwar iż-Żejt taż-Żebbuġ u ż-Żebbuġ tal-Mejda, 2015 (ĠU L 139, 27.05.2019, p. 1).

aċċettazzjoni tal-emendi lis-Segretarju Ĝeneralis tan-Nazzjonijiet Uniti fi New York qabel il-25 ta' Ġunju 2026.

Proposta għal

**DEĊIJONI TAL-KUNSILL**

**dwar l-approvazzjoni tal-Unjoni tal-emenda tal-Artikolu 36 tal-Ftehim Internazzjonali  
dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa u ż-Żebbuġ tal-Mejda, 2015**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(6), il-punt (a)(v) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) L-Unjoni hija Parti għall-Ftehim Internazzjonali dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa u ż-Żebbuġ tal-Mejda, 2015 (“il-Ftehim”) li ġie ffirmat f’isem l-Unjoni f’konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1892<sup>1</sup> fit-18 ta’ Novembru 2016, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f’data aktar tard. Il-Ftehim daħal fis-seħħ b'mod proviżorju fl-1 ta’ Jannar 2017 f’konformità mal-Artikolu 31(2) tiegħu u ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/848 tas-17 ta’ Mejju 2019<sup>2</sup>.
- (2) Skont l-Artikolu 32(1) tal-Ftehim, il-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ (“il-Kunsill tal-Membri”) għandu jadotta d-deċiżjonijiet li jagħmlu t-tibdil fil-Ftehim.
- (3) L-emenda tal-Ftehim għiet approvata b’kunsens mill-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ matul il-119-il laqgħa tiegħu f’Ġunju 2024.
- (4) Skont l-Artikolu 32(2) tal-Ftehim, kull Membru tal-IOC għandu jinnotifika lid-depożitarju dwar l-aċċettazzjoni tiegħu tal-emendi.
- (5) Jenħtieġ li l-emendi tal-Ftehim jiġu approvati mill-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-emendi tal-Ftehim Internazzjonali dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa u ż-Żebbuġ tal-Mejda, 2015, huma b'dan approvati f’isem l-Unjoni.

It-test tal-emendi huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1892 tal-10 ta’ Ottubru 2016 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Internazzjonali dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa u ż-Żebbuġ tal-Mejda, 2015 (ĠU L 293, 28.10.2016, p. 2).

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/848 tas-17 ta’ Mejju 2019 dwar il-konklużjoni f’isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim Internazzjonali dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa u ż-Żebbuġ tal-Mejda, 2015 (ĠU L 139, 27.05.2019, p. 1).

*Artikolu 2*

Il-Kummissjoni għandha, f'isem l-Unjoni, tinnotifika lid-depożitarju dwar l-aċċettazzjoni tal-emendi kif previst fl-Artikolu 32(2) tal-Ftehim, bil-għan li tesprimi l-kunsens tal-Unjoni li tkun marbuta bil-Ftehim emendat.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*